Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2054

14.10.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2054

tat-13 ta' Ottubru 2025

li tnaqqas mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nefqa imġarrba mill-Istati Membri taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

(notifikata bid-dokument C(2025) 6791)

(It-testi bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ispanjol u bl-Olandiż biss huma awtentiċi)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 54 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) 2021/2116, il-Kummissjoni trid tivvaluta l-ammonti li jridu jitnaqqsu, filwaqt li tqis il-ġustifikazzjonijiet ipprovduti mill-Istat Membru fir-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni f'konformità mal-Artikolu 134(8) tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(2) Hija biss in-nefqa li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5(2) u tal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2021/2116, li tikkorrispondi għall-interventi msemmija fit-Titolu III tar-Regolament (UE) 2021/2115, u li għandha output korrispondenti kif irrappurtat fir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 9(3)(b) u l-Artikolu 10(1)(b) tar-Regolament (UE) 2021/2116, u fl-Artikolu 134 tar-Regolament (UE) 2021/2115, li tista' tiġi ffinanzjata mill-baġit tal-Unjoni.

(3) Bl-emenda tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 ([3]) bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/310 ([4]), l-Istati Membri mhumiex meħtieġa jipprovdu l-ġustifikazzjonijiet għall-fini tal-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni għad-devjazzjonijiet tal-ammonti unitarji realizzati mill-ammonti unitarji ppjanati meta n-nefqa totali li tikkorrispondi għal dawn id-devjazzjonijiet ma taqbiżx 2 % tan-nefqa totali ddikjarata fir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni f'konformità mal-Artikolu 134(5), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/2115 għas-sena finanzjarja kkonċernata. Madankollu, l-Istati Membri jridu jipprovdu ġustifikazzjonijiet għall-eċċessi kollha ta' ammonti unitarji realizzati minn ammonti unitarji massimi (medji) pjanati.

([1]) ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħrajn, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 95, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/127/oj).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/310 tal-5 ta' Diċembru 2024 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/127 rigward l-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni u l-proċedura tal-konformità (ĠU L, 2025/310, 12.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/310/oj).

(4) Fid-dawl tal-valutazzjoni mwettqa, u filwaqt li jitqiesu l-ġustifikazzjonijiet tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-parti tan-nefqa msemmija fl-Artikolu 5(2) u fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2021/2116 u li tikkorrispondi għall-interventi msemmija fit-Titolu III tar-Regolament (UE) 2021/2115, li ma għandhiex output korrispondenti kif irrappurtat fir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 9(3)(b) u fl-Artikolu 10(1)(b) tar-Regolament (UE) 2021/2116 u fl-Artikolu 134 tar-Regolament (UE) 2021/2115, titnaqqas mill-finanzjament tal-Unjoni.

(5) Rigward l-interventi koperti minn din id-Deċiżjoni, fir-rapport ta' sinteżi li ħareġ dwar is-suġġett il-Kummissjoni tinnotifika lill-Istati Membri dwar il-valutazzjoni tal-ammonti li jridu jitnaqqsu minħabba nonkonformità mad-dritt tal-Unjoni ([5]),

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ammonti stabbiliti fl-Anness u relatati man-nefqa ddikjarata mill-aġenziji tal-pagamenti akkreditati tal-Istati Membri fl-ambitu tal-FAEG jew tal-FAEŻR, li jikkorrispondu għall-interventi msemmija fit-Titolu III tar-Regolament (UE) 2021/2115 u li ma għandhomx output korrispondenti kif irrappurtat fir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 9(3)(b) u fl-Artikolu 10(1)(b) tar-Regolament (UE) 2021/2116 u fl-Artikolu 134 tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandhom jitnaqqsu mill-finanzjament tal-Unjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika ta' Ċipru, u r-Renju tan-Netherlands.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ottubru 2025.

Għall-Kummissjoni
Christophe HANSEN
Membru tal-Kummissjoni

([5]) Ares(2025)7793398.

ANNESS

Deċiżjonijiet ta' tnaqqis finanzjarju

FAEG

Partita bażitarja: 6200

Stat Membru	Kodiċi tal-intervent (Kodiċi tal-ammont unitarju pjanat)	SF	Raġuni	Munita	Ammont gross (Qabża jew eċċess)	Parzjalment approvat / aċċettat	Qabża netta deċiża	Rata ta' kofinanzjament	Parti tal-UE
BE-Flanders	CRISS 1.2.1- Aanvullende herverdelende inkomenssteun voor duurzaamheid — gepland eenheidsbedrag per hectare	2024	Nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti (ara l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116)	EUR	186 229,76	0,00	186 229,76	100,00%	186 229,76
			Total BEVG:	**EUR**	**186 229,76**	**0,00**	**186 229,76**		**186 229,76**

Stat Membru	Kodiċi tal-intervent (Kodiċi tal-ammont unitarju pjanat)	SF	Raġuni	Munita	Ammont gross (Qabża jew eċċess)	Parzjalment approvat / aċċettat	Qabża netta deċiża	Rata ta' kofinanzjament	Parti tal-UE
CY	CIS-YF A.P.4 - Συμπληρωματική εισοδηματική στήριξη για γεωργούς νεαρής ηλικίας Α.Π. 4 Μοναδιαία Ποσά Ενίσχυση ανά εκτάριο για Α.Π. 4	2024	Nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti (ara l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116)	EUR	32 854,72	0,00	32 854,72	100,00%	32 854,72
			Total CY:	**EUR**	**32 854,72**	**0,00**	**32 854,72**		**32 854,72**

Stat Membru	Kodiċi tal-intervent (Kodiċi tal-ammont unitarju pjanat)	SF	Raġuni	Munita	Ammont gross (Qabża jew eċċess)	Parzjalment approvat / aċċettat	Qabża netta deċiża	Rata ta' kofinanzjament	Parti tal-UE
DE	Eco-scheme (DE-DZ-0401-02-0-01)	2024	Nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti (ara l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116)	EUR	670,33	0,00	670,33	100,00%	670,33

Stat Membru	Kodiċi tal-intervent (Kodiċi tal-ammont unitarju pjanat)	SF	Raġuni	Munita	Ammont gross (Qabża jew eċċess)	Parzjalment approvat / aċċettat	Qabża netta deċiża	Rata ta' kofinanzjament	Parti tal-UE
DE	Eco-scheme (DE-DZ-0406-00-0-01)	2024	Nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti (ara l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116)	EUR	32 813,64	0,00	32 813,64	100,00%	32 813,64
DE	Eco-scheme (DE-DZ-0407-00-0-01)	2024	Nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti (ara l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116)	EUR	38 359,29	0,00	38 359,29	100,00%	38 359,29
DE	CIS (DE-DZ-0501-00-0-01)	2024	Nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti (ara l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116)	EUR	759,06	0,00	759,06	100,00%	759,06
DE	CIS (DE-DZ-0502-00-0-01)	2024	Nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti (ara l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116)	EUR	72 859,06	0,00	72 859,06	100,00%	72 859,06
			Total DE:	**EUR**	**145 461,38**	**0,00**	**145 461,38**		**145 461,38**

Stat Membru	Kodiċi tal-intervent (Kodiċi tal-ammont unitarju pjanat)	SF	Raġuni	Munita	Ammont gross (Qabża jew eċċess)	Parzjalment approvat / aċċettat	Qabża netta deċiża	Rata ta' kofinanzjament	Parti tal-UE
EL(GR)	CIS (MK1-32.1-02)	2024	Nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti (ara l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116)	EUR	3 235 686,73	0,00	3 235 686,73	100,00%	3 235 686,73
EL(GR)	CIS (MK1-32.1-03)	2024	Nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti (ara l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116)	EUR	4 814 306,53	0,00	4 814 306,53	100,00%	4 814 306,53
EL(GR)	CIS (MK1-32.1-9)	2024	Nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti (ara l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116)	EUR	1 478 694,71	0,00	1 478 694,71	100,00%	1 478 694,71
			Total EL(GR):	**EUR**	**9 528 687,97**	**0,00**	**9 528 687,97**		**9 528 687,97**

Stat Membru	Kodiċi tal-intervent (Kodiċi tal-ammont unitarju pjanat)	SF	Raġuni	Munita	Ammont gross (Qabża jew eċċess)	Parzjalment approvat / aċċettat	Qabża netta deċiża	Rata ta' kofinanzjament	Parti tal-UE
FR	CIS (Aide couplée au revenu 3222_COR_O.11_0002)	2024	Nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti (ara l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116)	EUR	65 787,40	0,00	65 787,40	100,00%	65 787,40
			Total FR:	**EUR**	**65 787,40**	**0,00**	**65 787,40**		**65 787,40**

Munita	Ammont gross (Qabża jew eċċess)	Parzjalment approvat / aċċettat	Qabża netta deċiża	Parti tal-UE
EUR	**9 959 021,23**	**0,00**	**9 959 021,23**	**9 959 021,23**

FAEŻR

Partita bażitarja: 6201

Stat Membru	Kodiċi tal-intervent (Kodiċi tal-ammont unitarju pjanat)	SF	Raġuni	Munita	Ammont gross (Qabża jew eċċess)	Parzjalment approvat / aċċettat	Qabża netta deċiża	Rata ta' kofinanzjament	Parti tal-UE
ES	ENVCLIM (ARA6503_03)	2024	Nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti (ara l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116)	EUR	29,54	0,00	29,54	55,56%	16,41
ES	INVEST (RIO6871_03)	2024	Nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti (ara l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116)	EUR	369 130,6	0,00	369 130,6	45,00%	166 108,77
			Total ES:	**EUR**	**369 160,14**	**0,00**	**369 160,14**		**166 125,18**

Stat Membru	Kodiċi tal-intervent (Kodiċi tal-ammont unitarju pjanat)	SF	Raġuni	Munita	Ammont gross (Qabża jew eċċess)	Parzjalment approvat / aċċettat	Qabża netta deċiża	Rata ta' kofinanzja-ment	Parti tal-UE
NL	ENVCLIM (I.70.1.E.01 — Agrarisch Natuur- en Landschapsbeheer (ANLb))	2024	Nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti (ara l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116)	EUR	14 183 064,14	0,00	14 183 064,14	65,00%	9 218 991,69
			Total NL:	**EUR**	**14 183 064,14**	**0,00**	**14 183 064,14**		**9 218 991,69**

Munita	Ammont gross (Qabża jew eċċess)	Parzjalment approvat / aċċettat	Qabża netta deċiża	Parti tal-UE
EUR	**14 552 224,28**	**0,00**	**14 552 224,28**	**9 385 116,87**

Deċiżjonijiet ta' tnaqqis finanzjarju	Qabża netta deċiża (Parti tal-UE)
FAEG	9 959 021,23
FAEŻR	9 385 116,87
TOTAL:	**19 344 138,10**